

IL-KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

**Sommarju tal-Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar
ir-Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati f'isem l-Unjoni
Ewropea għal konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-intelliġenza artifiċjali, id-drittijiet tal-
bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt**

(2022/C 458/04)

(It-test sħiħ ta' din l-Opinjoni jista' jinstab bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż fuq is-sit web tal-EDPS <https://edps.europa.eu>)

Fit-18 ta' Awwissu 2022, il-Kummissjoni Ewropea ħarġet Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati fisem l-Unjoni Ewropea għal konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-intelliġenza artifiċjali (IA), id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt ("il-konvenzjoni"), skont l-Artikolu 218 tat-TFUE.

Wara li kkunsidra n-natura "transfruntiera" tal-intelliġenza artifiċjali, l-EDPS jilqa' l-oġġettiv ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa, li jiġi elaborat l-ewwel strument internazzjonali legalment vinkolanti dwar l-intelliġenza artifiċjali, ibbażat fuq l-istandards tal-Kunsill tal-Ewropa dwar id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt. Għaldaqstant, l-EDPS jappoġġa l-ftuħ ta' negozjati fisem l-Unjoni għall-konvenzjoni, u jilqa' r-rwol tal-Unjoni fil-promozzjoni ta' IA affidabbli li tkun konsistenti mal-valuri tal-Unjoni.

L-EDPS jieħu nota tal-fatt li s-suġġett tal-konvenzjoni jkun regolat fl-UE bl-Att propost dwar l-IA, u jirrikonoxxi l-għan tal-Kummissjoni li tiżgura li l-konvenzjoni tkun kompatibbli mal-Att propost dwar l-IA, filwaqt li jittieħed kont tal-iżviluppi futuri fil-proċess leġiżlattiv. Madankollu, l-EDPS jikkunsidra li l-konvenzjoni tippreżenta opportunità importanti **biex jiġi kkomplementat l-Att propost dwar l-IA billi tissaħħaħ** il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-persuni kollha affettwati mis-sistemi tal-IA u għaldaqstant jirrakkomanda li l-konvenzjoni tipprovdi salvagwardji ċari u b'saħħithom għall-persuni affettwati mill-użu tas-sistemi tal-IA.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, l-EDPS jagħmel erba' rakkomandazzjonijiet ewlenin dwar id-direttivi ta' negozjati:

- jenħtieġ li l-oġġettivi ġenerali għan-negozjati tal-konvenzjoni jagħtu aktar prominenza lis-salvagwardji u lid-drittijiet li għandhom jiġu pprovduti lill-individwi - u gruppi ta' individwi - soġġetti għas-sistemi tal-IA, f'konformità mal-fokus u mal-oġġettivi primarji tal-Kunsill tal-Ewropa;
- f'direttiva speċifika jenħtieġ li tiġi inkluża referenza espliċita għall-konformità tal-konvenzjoni mal-qafas legali eżistenti tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data;
- f'konformità mal-approċċ ibbażat fuq ir-riskju, jenħtieġ li jiġi introdott l-oġġettiv li tiġi imposta projbizzjoni fuq is-sistemi tal-IA li joħolqu riskji inaċċettabbli;
- jenħtieġ li l-konvenzjoni tippromwovi l-adozzjoni ta' protezzjoni tad-data mid-disinn u permezz ta' approċċ awtomatiku f'kull stadju taċ-ċiklu tal-ħajja tas-sistemi tal-IA.

Barra minn hekk, l-Opinjoni toffri aktar rakkomandazzjonijiet dwar l-inklużjoni fil-konvenzjoni ta' salvagwardji proċedurali minimi, kif ukoll rekwiżiti minimi għat-trasparenza, l-ispejgabbiltà u l-awditabbiltà, il-mekkaniżmi ta' konformità u kontroll, dwar il-kooperazzjoni transfruntiera bejn l-awtoritajiet kompetenti li għandhom jinħatru mill-partijiet għall-konvenzjoni għas-supervizzjoni tas-salvagwardji u tad-drittijiet li għandhom jiġu pprovduti f'konformità mal-konvenzjoni.

1. INTRODUZZJONI

1. Fit-18 ta' Awwissu 2022, il-Kummissjoni Ewropea ħarġet Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati fisem l-Unjoni Ewropea għal konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-intelliġenza artifiċjali (IA), id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt ⁽¹⁾, skont l-Artikolu 218 tat-TFUE ("ir-Rakkomandazzjoni").
2. L-objettiv tar-Rakkomandazzjoni huwa li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati fisem l-Unjoni għal konvenzjoni futura tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-IA, id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt ("il-konvenzjoni"), li tadotta direttivi ta' negozjati u li tinnomina lill-Kummissjoni bħala n-negozjatur tal-Unjoni ⁽²⁾.
3. Fil-memorandum ta' spjegazzjoni ⁽³⁾, il-Kummissjoni tenfasizza li n-negozjati għall-konvenzjoni huma relatati ma' kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni, anke minħabba t-trikkib sinifikanti bejn l-"abbozz zero" tal-konvenzjoni ċirkolat mill-Kumitat għall-Intelliġenza Artifiċjali (CAI) tal-Kunsill tal-Ewropa, minn naħa, u l-proposta tal-Kummissjoni għal regolament dwar l-IA ("l-Att propost dwar l-IA") ⁽⁴⁾, min-naħa l-oħra, f'termini tal-ambitu u l-kontenut tagħhom ⁽⁵⁾.
4. Il-memorandum ta' spjegazzjoni ⁽⁶⁾ għar-Rakkomandazzjoni jenfasizza li l-"abbozz zero" jipproponi li jiġu inklużi d-dispożizzjonijiet li ġejjin:
 - l-iskop u l-ambitu tal-konvenzjoni (qafas);
 - definizzjonijiet għal sistema tal-IA, ċiklu tal-ħajja, fornitur, utent u "suġġett tal-IA";
 - ċerti prinċipji fundamentali, inklużi salvagwardji u drittijiet proċedurali għas-suġġetti tal-IA li jkunu japplikaw għas-sistemi tal-IA kollha, irrispettivament mil-livell tar-riskju tagħhom;
 - miżuri addizzjonali għas-settur pubbliku kif ukoll għas-sistemi tal-IA li jippreżentaw livelli ta' riskju "inaċċettabbli" u "sinifikanti" abbażi ta' metodoloġija dwar il-valutazzjoni tar-riskju u tal-impatt (li għandha tiġi stabbilita aktar tard f'anness għall-konvenzjoni);
 - mekkaniżmu ta' segwitu u ta' kooperazzjoni bejn il-partijiet;
 - dispożizzjonijiet finali, inklużi l-possibbiltà għall-Istati Membri li japplikaw il-liġi tal-UE fir-relazzjonijiet reċiproċi tagħhom għal kwistjonijiet koperti mill-konvenzjoni u possibbiltà għall-Unjoni li taderixxi għall-konvenzjoni.
5. Ir-Rakkomandazzjoni, taħt il-premessi (6) u (7), tenfasizza li l-konklużjoni tal-konvenzjoni tista' taffettwa r-regoli eżistenti u prevedibbli tal-Unjoni. Sabiex tipproteġi l-integrità tad-dritt tal-Unjoni u tiżgura l-konsistenza bejn ir-regoli tal-liġi internazzjoni u d-dritt tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiġi awtorizzata biex tinneogzja l-konvenzjoni fisem l-Unjoni.
6. L-Opinjoni preżenti tal-EDPS hija maħruġa bi tweġiba għal konsultazzjoni mill-Kummissjoni tat-18 ta' Awwissu 2022, skont l-Artikolu 42(1) tal-EUDPR ⁽⁷⁾. L-EDPS jilqa' r-referenza għal din il-konsultazzjoni fil-premessa 8 tar-Rakkomandazzjoni.

8. KONKLUŻJONIJIET

49. Fid-dawl ta' dan imsemmi hawn fuq, l-EDPS jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin:

(1) *li tingħata aktar prominenza lill-objettiv li "tiżgura livell għoli ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u ħarsien tal-valuri Ewropej", f'konformità man-natura u l-mandat tal-Kunsill tal-Ewropa.*

⁽¹⁾ COM(2022) 414 final.

⁽²⁾ COM(2022) 414 final, paġna 3.

⁽³⁾ COM(2022) 414 final, paġna 5.

⁽⁴⁾ Proposta għal Regolament li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali (L-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali) u li jemenda ċerti atti leġislattivi tal-Unjoni, COM(2021) 206 final.

⁽⁵⁾ Ara wkoll il-premessa (5) tar-Rakkomandazzjoni.

⁽⁶⁾ COM(2022) 414 final, paġni 2 u 3.

⁽⁷⁾ Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39)

- (2) li titħassar il-kelma “inkluż” wara “il-liġi tas-suq uniku tal-UE u oqsma oħra tal-liġi” fid-direttivi (5) u (11), biex tiġi riflessa aħjar l-interazzjoni bejn il-prinċipji ġenerali u d-drittijiet fundamentali, minn naħa, u l-liġi sekondarja (il-liġi tas-suq uniku tal-UE u oqsma oħra tal-liġi), min-naħa l-oħra.
- (3) li tiżdied direttiva speċifika li tfakkar il-ħtieġa li jinstab bilanċ tajjeb bejn l-interess pubbliku u l-interessi tal-persuni soġġetti għas-sistema tal-IA, biex tiġi żgurata konformità sħiħa mad-drittijiet għall-privatizza u għall-protezzjoni tad-data personali, kif ukoll ma’ drittijiet fundamentali oħra inkwistjoni, b’mod partikolari d-dritt għall-preżunzjoni tal-innoċenza u għal proċess ġust, id-dritt għal amministrazzjoni tajba u l-prinċipju ta’ nondiskriminazzjoni.
- (4) li jiġi speċifikat f’direttiva li l-konvenzjoni jenħtieġ li tipprovdi ċerti salvagwardji u drittijiet proċedurali minimi għall-persuni affettwati mill-użu tas-sistemi tal-IA.
- (5) li jiġi speċifikat f’direttiva li l-konvenzjoni jenħtieġ li tipprevedi rekwiżiti minimi dwar it-trasparenza, l-isjegabbiltà u l-awditabbiltà tas-sistemi tal-IA.
- (6) li fid-direttiva (14) tiġi inkluzja l-ispeċifikazzjoni li r-riskji tas-soċjetà/tal-gruppi imposti mis-sistemi tal-IA jridu jiġu vvalutati u mitigati wkoll.
- (7) li fid-direttiva ta’ negozjati jiġi speċifikat li ċerti sistemi tal-IA, li jimponu riskji inaċċettabbli, jenħtieġ li jiġu pprojbiti, kif ukoll li tiġi pprovduta lista indikattiva ta’ tali sistemi tal-IA.
- (8) li tiġi inkluzja direttiva ta’ negozjati li skontha l-konvenzjoni jenħtieġ li tippromwovi l-adozzjoni tal-protezzjoni tad-data mid-disinn u permezz ta’ approċċ awtomatiku f’kull stadju taċ-ċiklu tal-ħajja tas-sistemi tal-IA.
- (9) li jiġi speċifikat il-kontenut tad-direttiva (17) kif ġej:
 - trid titwettag valutazzjoni tal-konformità ex ante minn parti terza għall-IA b’riskju kbir;
 - is-sistemi tal-IA b’riskju kbir jenħtieġ li jkunu soġġetti għal proċedura ġdida ta’ valutazzjoni tal-konformità kull meta sseħħ bidla sinifikanti;
 - li jiġi speċifikat l-oġġett u l-effett legali taċ-ċertifikazzjonijiet;
 - li jiġi speċifikat li l-istandards tekniċi, minn naħa, jista’ jkollhom impatt pożittiv fuq l-armonizzazzjoni tal-prodotti u s-servizzi; min-naħa l-oħra, ir-rwol tagħhom huwa li jipprovdi speċifikazzjonijiet tekniċi tar-regoli diġà stabbiliti mill-liġi.
- (10) li tiġi inkluzja direttiva li skontha l-konvenzjoni jenħtieġ li tipprevedi li l-awtoritajiet superviżorji kompetenti jridu jingħataw setgħat investigattivi u ta’ infurzar adegwati.
- (11) li tiżdied direttiva ta’ negozjati bl-għan li jiġi żgurati li l-konvenzjoni tiffaċilita u tinkoraġġixxi l-kooperazzjoni transfruntiera bejn l-awtoritajiet kompetenti.

Brussell, it-13 ta’ Ottubru 2022.

Wojciech Rafał WIEWIÓROWSKI
